MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 2109/1995/1

**John Micallef u martu Rose Micallef**

**vs**

**Carmelo sive Charles Muscat u Noel Muscat iben l-istess Carmelo sive Charles Muscat u r-rispettivi nisa taghhom Rita Muscat u Charmaine Muscat u b'digriet tal-24 ta' April, 1998 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Noel Muscat biex ikompli l-kawza minflok il-konvenut Carmelo sive Charles Muscat li miet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti;**

**Preliminari.**

B'citazzjoni tal-4 ta' Dicembru, 1995 l-atturi ppremetew li huma sidien ta' l-arja fi stat ta' kostruzzjoni sovrastanti id-dar li ggib l-isem "Sylvia" f'Church Street, San Giljan, proprjeta` tal-konvenut Carmelo Muscat u okkupata minn ibnu l-konvenut Noel Muscat; illi fil-fond taghhom kien hemm katusa tad-drenagg li tghaddi u tisbokka fil-bitha tal-imsemmi fond "Sylvia" f'Church Street, San Giljan; illi dawn l-ahhar xhur, il-konvenuti jew min minnhom abbuzivament, klandestinament u kontra kull ligi sanitarja kissru l-istess katusa u ssostitwewha b'ohra b'direzzjoni diversa ghal li kienet kif jirrizulta ahjar mill-annessa fotografija markata Dok. A; illi l-konvenuti mitluba jirripristinaw il-katusa ghal li kienet baqghu ma wiegbux; ghalhekk talbu li l-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat, jirripristinaw il-katusa fuq imsemmija ghal l-istat li kienet billi jaghmlu x-xoghol mehtieg ghal dan il-ghan;
2. fil-kas illi t-terminu hekk iffissat jghaddi inutilment, tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xoghol huma stess a spejjez tal-konvenuti;
3. tinnomina perit biex jissorvelja u jiddirigi l-istess ghall-fini kemm ta' l-ewwel u kemm tat-tieni talba.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Settembru, 1995 kontra l-konvenuti.

B'nota tat-12 ta' Gunju, 1996 l-konvenuti eccepew li:-

a) l-gudizzju mhux integru billi kienu jonqsu l-konjugi tal-kontendenti (liema eccezzjoni giet irtirata fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 1996 wara d-debiti korrezzjonijiet);
b) l-azzjoni ta' spoll hija estinta stante d-dekors tal-perjodu ta' xahrejn;
c) mhux minnu li kienet tezisti xi katusa fil-fond imsemmi li tkissret u li giet sostitwita b'ohra b'direzzjoni diversa kif jallega l-attur.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tal-24 ta’ Marzu, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici u b’hekk (1) ikkundannat lill-konvenuti sabiex fi zmien xahrejn huma jirripristinaw il-katusa fuq imsemmija ghall-istat li kienet billi jaghmlu x-xoghol mehtieg ghal dan il-ghan u (2) f’kaz li dan iz-zmien jghaddi nutilment, awtorizzat lill-atturi jaghmlu dan ix-xoghol huma a spejjez tal-konvenuti taht id-direzzjoni tal-AIC Rene` Buttigieg, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Fis-sentenza fuq imsemmija l-ewwel qorti qabel xejn ghaddiet biex tikkunsidra l-eccezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni kif eccepita mill-konvenuti. Wara ezami akkurat tad-dicitura fl-att tac-citazzjoni kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata annessa maghha, l-ewwel qorti kienet tal-fehma li l-azzjoni ezercitata mill-atturi “*m’hix l-azzjoni ta spoll ‘di recente’ jew privileggjata, kif jippretendu l-konvenuti izda hija azzjoni petitorja.”* Konsegwentement dik il-Qorti kkonkludiet li “*l-eccezzjoni li l-azzjoni attrici tinsab perenta minhabba d-dekors ta xahrejn hija kompletament inattendibbli ghaliex m’hix applikabbli ghall-azzjoni ezercitata mill-atturi.”*

Fuq il-mertu l-ewwel qorti qalet hekk: “*F’dan l-istat tal-provi processwali, l-Qorti jidhrilha li l-atturi ppruvaw konkludentement li l-konvenut Carmelo Muscat kisser il-katusa in kwistjoni u ssostitwiha b’ohra b’direzzjoni diversa, kif jidher fir-ritratt li jinsab esebit a fol. 7 tal-process u li, ghalhekk, huma ghandhom id-dritt li dik il-parti l-gdida tal-katusa li tidher fl-imsemmi ritratt, u li ssostitwiet il-parti tal-katusa li tkissret, titnehha u minflokha ssir katusa ohra, bhalma kien hemm, fid-direzzjoni li kienet qabel biex b’hekk il-fond tal-atturi jibqa’ jgawdi s-servitu` li ghandu fuq l-fond tal-konvenuti.”*

**L-appell tal-konvenuti.**

B’rikors tat-12 ta’ April, 2000 l-konvenuti interponew appell mis-sentenza fuq imsemmija lil din il-Qorti u talbu r-revoka ta’ l-istess billi jigu michuda t-talbiet attrici u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

L-aggravji tal-konvenuti huma principalment is-segwenti:
1. Illi l-ewwel qorti kienet skorretta meta waslet ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni intentata mill-atturi kienet petitoria u mhux possessorja u b'hekk cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-*actio spolii*.
2. Illi fil-mertu jsostnu li l-katusa li tissemma' mill-atturi ma hijiex l-istess wahda li kien ghamel l-awtur taghhom, Carmelo Muscat.

Fir-risposta l-atturi appellati sostnew li ghar-ragunijiet hemm esposti s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti.**

**Dwar in-natura tal-azzjoni attrici.**

It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti taqra hekk: "*L-azzjoni ta' spoll intentata mill-attur hija estinta stante d-dekors tal-perijodu ta' xahrejn."* L-appellanti b'dan kienu qed jistriehu fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fejn huwa provdut li sabiex l-azzjoni possessorja privileggata kontemplata fl-istess artikolu tista' tirnexxi din trid tigi proposta entro l-perijodu ta' xahrejn mid-data li jigi kommess l-ispoll (ara wkoll l-Art. 535(1) tal-Kap. 16). F'dan ir-rigward l-ewwel qorti hasset il-htiega li qabel xejn kellha tigi determinata in-natura tal-azzjoni proposta biex jigi stabbilit jekk it-terminu kontemplat fl-imsemmi artikolu kienx japplika u f'kaz affermattiv l-azzjoni tigi dikjarata perenta.

Kif sewwa osservaw l-atturi appellati fuq skorta ta' gurisprudenza, citata fir-risposta taghhom, *"Biex tigi ffissata in-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata, wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem, kemm lejn dak li sostanzjalment ikun gie mitlub fic-citazzjoni, jigifieri il-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta."* (Cutajar vs Cutajar – Vol. XXXVII.II.776), u dana billi kif sewwa gie ritenut fis-sentenza citata "*L-azzjonijiet possessorji, fosthom l-azzjoni ta' spoll, ghandhom bhala fondament taghhom il-pussess, ta' kwalunkwe xorta, u bhala obbjettiv taghhom it-tutela ta' dak il-pussess; mentri*

*l-fondament guridiku ta' l-azzjoni petitorja huwa d-dritt, u l-iskop taghha huwa ir-rikonoxximent u t-tutela ta' dak id-dritt."*

Fil-kaz in ezami mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta li hawn l-atturi mhux qed jippretendu xi pussess izda ghal kuntrarju qeghdin jippretendu d-dritt ta' servitu` konsistenti f'katusa tad-drenagg appartenenti lill-fond taghhom u li tizbokka ghall-bitha tal-fond tal-konvenuti. Dawn, cioe` l-atturi, jippretendu li gew disturbati mhux fil-pussess ta' din il-katusa izda pjuttost fid-drittijiet proprjetarji taghhom kif kontemplati fl-Artikolu 320 tal-Kodici Civili, u cioe` li bl-intervent tal-konvenuti huma, qua proprjetarji, gew imxekkla milli jgawdu u jiddisponu minn hwejjighom bil-mod l-aktar assolut. Infatti l-intervent tal-konvenuti, jew l-awtur taghhom, mar kontra d-divjet assolut impost fl-Artikolu 474 tal-Kodici Civili.

Illi kif sewwa rrilevaw l-atturi apellati mic-citazzjoni odjerna johrog car li hawn si tratta ta' proprjeta` fuq il-haga soggetta ghall-att disturbattiv u mhux is-semplici pussess taghhom. Inoltre jigi rilevat li fl-azzjoni attrici fl-ebda mument ma jissemma' li gie kommess xi spoll kontra taghhom izda pjuttost qed jitolbu li jerga' jigi ripristinat dak li sar abbuzivament kontra l-proprjeta' taghhom. Infatti fis-sentenza appellata jinghad testwalment hekk: "*Minn ezami ta' dawn il-premessi* (cioe` dawk li insibu fic-citazzjoni) *wiehed ghandu josserva li m'hemmx menzjoni wahda ta' l-element ta'* ***pussess*** *li huwa l-**element essenzjali** biex tigi esperita l-azzjoni ta' spoll. Invece, l-atturi jirriferu ghad-**dritt ta' proprjeta`** taghhom fuq l-arja li tinsab fi stat ta' kostruzzjoni u ghall-**proprjeta`** tal-konvenut fir-rigward tal-fond **sottostanti** u l-implikazzjoni cara hi li l-proprjeta` ta din l-arja **sovrastanti** l-fond tal-konvenut **tgawdi d-dritt ta' servitu`** fuq dan il-fond konsistenti fl-ezistenza tal-katusa li allegatament tkissret u giet sostitwita b'ohra b'direzzjoni diversa ...."*

Din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq moghtija taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-ewwel qorti fir-rigward tan-natura tal-azzjoni esperita u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward.

**Dwar il-mertu.**

L-appellanti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza appellata nkwantu wkoll ma jaqblux mal-interpretazzjonijiet li tat l-ewwel qorti ghax-xhieda ta' Noel Muscat u Rita Muscat. L-appellanti jghidu li "*Dik il-Qorti hadet id-dikjarazzjoni taghhom li kienet saret katusa bhala ammissjoni illi effettivament veru kienet tkissret il-katusa imsemmija mill-atturi appellati fic-citazzjoni taghhom ...*" Dan l-aggravju wkoll ma jidhirx gustifikat inkwantu fl-affidavit taz-zewg konvenuti Rita Muscat u Noel Muscat jinghad espressament li "*Carmelo Muscat flimkien ma' xi nies ohra ghamel il-katusa li fuqha qed jilmenta l-attur.*" (enfazi tal-qorti). Minn dan jirrizulta mhux biss li x-xoghol sar mill-konvenut Carmelo Muscat (illum mejjet) izda li sar kif inhu llum (u dan proprjament huwa l-qofol tal-ilment tal-atturi) u li wkoll din il-katusa hija proprju dik mertu tal-kawza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti. It-terminu ta' xahrejn imsemmi fl-ewwel sentenza jibda jiddekorri mil-lum.

-------------------------------TMIEM-------------------------------